



TESTI ADOTTATI

P8_TA(2019)0053

Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") *

Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew tal-31 ta' Jannar 2019 dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-Assoċjazzjoni tal-Pajjiżi u Territorji extra-Ewropej mal-Unjoni Ewropea, inklużi r-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea fuq naħa, u Greenland u r-Renju tad-Danimarka min-naħa l-oħra ("Deċiżjoni dwar l-Assoċjazzjoni Barranija") (COM(2018)0461 – C8-0379/2018 – 2018/0244(CNS))

(Proċedura leġislattiva speċjali – konsultazzjoni)

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2018)0461),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 203 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikolu ġie kkonsultat mill-Kunsill (C8-0379/2018),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 78 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Iżvilupp (A8-0480/2018),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;
 2. Jistieden lill-Kummissjoni biex timmodifika l-proposta tagħha konsegwentement, skont l-Artikolu 293(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
 3. Jistieden lill-Kunsill biex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
 4. Jitlob lill-Kunsill biex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
 5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-parlamenti nazzjonali.

Emenda 1

Proposta għal deċiżjoni

Premessa 6

Test propost mill-Kummissjoni

(6) Din id-Deċiżjoni l-ġdida għandha tenfasizza d-dettalji speċifiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Greenland, **bħalma hu l-objettiv li jinżammu** r-rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn l-Unjoni **Ewropea**, Greenland u d-Danimarka, **ir-rikonoxximent tal-pożizzjoni** ġeostrateġika ta' Greenland, **u** l-importanza ta' djalogu **dwar il-politika** bejn Greenland u l-Unjoni, l-eżistenza ta' Ftehim ta' Sħubija dwar **is-Sajd** bejn l-Unjoni u Greenland u l-kooperazzjoni potenzjali dwar kwistjonijiet tal-Artiku. **Għandha twieġeb għall-isfidi globali, filwaqt li tippermetti l-iżvilupp ta' aġenda proattiva u l-kisba ta' interessi reċiproċi**, b'mod partikolari, l-impatt dejjem **jikber** tat-tibdil fil-klima fuq l-attività tal-bniedem u l-ambjent, it-trasport marittimu, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-ħut, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Emenda

(6) Din id-Deċiżjoni l-ġdida għandha tenfasizza d-dettalji speċifiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Greenland. **Fl-2003, il-Kunsill irrikonoxxa li r-relazzjoni futura tal-Unjoni ma' Greenland wara l-2006 se tkun waħda bbażata fuq sħubija komprensiva għall-iżvilupp sostenibbli li tkun tinkludi ftehim speċifiku dwar is-sajd, negozjat skont ir-regoli u l-prinċipji ġenerali għal ftehimiet bħal dawn. Bl-istess mod, id-Dikjarazzjoni Konġunta tal-Unjoni Ewropea, minn naħa waħda, u l-Gvern ta' Greenland u dak tad-Danimarka, min-naħa l-oħra, dwar ir-relazzjonijiet bejn l-Unjoni Ewropea u Greenland, iffirmata fi Brussell fid-19 ta' Marzu 2015, fakkret fir-rabtiet storiċi, politiċi, ekonomiċi u kulturali bejn l-Unjoni u Greenland u enfasizzat il-ħtieġa li jissaħħu r-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni fuq il-bażi ta' interessi reċiproċi. Is-sħubija fl-ambitu ta' din id-deċiżjoni l-ġdida għandha għalhekk timmira li tippreserva** r-rabtiet mill-qrib u dejjiema bejn l-Unjoni, Greenland u d-Danimarka, **u għandha tikkontribwixxi biex jiġu indirizzati l-isfidi globali billi tippermetti li tiġi żviluppata aġenda dinamika u li jinstabu l-interessi reċiproċi. Id-Deċiżjoni għandha tenfasizza d-dettalji speċifiċi dwar il-kooperazzjoni ma' Greenland, il-pożizzjoni** ġeostrateġika ta' Greenland, l-importanza ta' djalogu **politiku** bejn Greenland u l-Unjoni, l-eżistenza ta' ftehim ta' sħubija dwar **is-settur tas-sajd** bejn l-Unjoni u Greenland u l-kooperazzjoni potenzjali dwar kwistjonijiet tal-Artiku. **Din għandha**, b'mod partikolari, **tqis** l-impatt **li** dejjem **jiżdied** tat-tibdil fil-klima fuq l-attività tal-bniedem u l-ambjent, it-trasport marittimu, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-

ħut, kif ukoll ir-riċerka u l-innovazzjoni.

Emenda 2

Proposta għal deċiżjoni Premessa 16

Test propost mill-Kummissjoni

(16) Filwaqt li jirrifletti fuq l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm ser jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefġiet tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu **20 %** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni tal-Programm u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' nofs it-terminu u l-proċessi ta' rieżami.

Emenda 3

Proposta għal deċiżjoni Premessa 18

Test propost mill-Kummissjoni

(18) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza speċjali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali li jwasslu għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE.

Emenda 4

Proposta għal deċiżjoni Premessa 19

Emenda

(16) Filwaqt li jirrifletti fuq l-importanza tal-indirizzar tat-tibdil fil-klima skont l-impenji tal-Unjoni biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, dan il-Programm ser jikkontribwixxi biex l-azzjoni klimatika tiġi integrata fil-politiki tal-Unjoni u għall-kisba ta' mira ġenerali ta' 25 % tan-nefġiet tal-baġit tal-UE li jappoġġaw l-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet skont dan il-Programm huma mistennija li jikkontribwixxu **30 %** tal-pakkett finanzjarju ġenerali tal-Programm għall-oġġettivi tal-klima. L-azzjonijiet rilevanti se jiġu identifikati matul l-implimentazzjoni tal-Programm u vvalutati mill-ġdid fil-kuntest tal-evalwazzjoni tagħha ta' nofs it-terminu u l-proċessi ta' rieżami.

Emenda

(18) L-Unjoni u l-PTEE jirrikonoxxu l-importanza speċjali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali li jwasslu għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE, ***speċjalment fit-territorji fejn il-livell globali tal-edukazzjoni huwa ferm baxx.***

Test propost mill-Kummissjoni

(19) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tqis u tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tad-diversità kulturali u tal-identità tal-PTEE.

Emenda

(19) L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tqis u tikkontribwixxi għall-preservazzjoni tad-diversità kulturali u tal-identità tal-PTEE. ***Jenħtieġ ukoll li tagħti attenzjoni partikolari u tikkontribwixxi għall-promozzjoni u għar-rispett tad-drittijiet tal-popli indiġeni tal-PTEE.***

Emenda 5

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 20**

Test propost mill-Kummissjoni

(20) Il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp ekonomiku ***sostenibbli, l-iżvilupp*** soċjali u ***l-ħarsien*** ambjentali.

Emenda

(20) Il-kooperazzjoni rigward il-kummerċ u rigward il-kwistjonijiet relatati mal-kummerċ bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-għan ta' żvilupp ekonomiku, ***żvilupp*** soċjali u ***ħarsien*** ambjentali ***li huma sostenibbli, fuq il-mudell tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli.***

Emenda 6

**Proposta għal deċiżjoni
Premessa 21**

Test propost mill-Kummissjoni

(21) Din id-Deċiżjoni għandha tipprevedi regoli tal-oriġini aktar flessibbli, fosthom possibbiltajiet ġodda għal kumulu tal-oriġini. Il-kumulu għandu jkun possibbli biss mal-PTEE u mal-pajjiżi tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE), iżda skont ċerti kundizzjonijiet, anke għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li magħhom l-Unjoni tapplika ftehim ta' kummerċ ħieles kif ukoll għal prodotti li jidħlu fl-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr kwoti skont is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-Unjoni, li wkoll huma soġġetti għall-kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet

Emenda

(21) Din id-Deċiżjoni għandha tipprevedi regoli tal-oriġini aktar flessibbli, fosthom possibbiltajiet ġodda għal kumulu tal-oriġini. Il-kumulu għandu jkun possibbli biss mal-PTEE u mal-pajjiżi tal-Ftehim ta' Sħubija Ekonomika (FSE), iżda skont ċerti kundizzjonijiet, anke għall-prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li magħhom l-Unjoni tapplika ftehim ta' kummerċ ħieles kif ukoll għal prodotti li jidħlu fl-Unjoni mingħajr dazju u mingħajr kwoti skont is-Sistema ta' Preferenzi Ġeneralizzati tal-Unjoni, li wkoll huma soġġetti għall-kundizzjonijiet. Dawn il-kundizzjonijiet

huma neċessarji **biex tiġi evitata** ċ-
ċirkumvenzjoni tal-kummerċ u **jiġi żgurati**
l-iffunzjonar xieraq tal-ftehimiet ta'
kumulu.

huma neċessarji **għal unjoni kummerċjali**
aktar robusta u kapaċi li tevita ċ-
ċirkumvenzjoni tal-kummerċ u **tiżgura l-**
funzjonament xieraq tal-ftehimiet ta'
kumulu.

Emenda 7

Proposta għal deċiżjoni Premessa 25

Test propost mill-Kummissjoni

(25) Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tikkontribwixxi għall-bini ta' sistema finanzjarja aktar sikura, qawwija u trasparenti li hija essenzjali għat-titjib tal-istabbiltà finanzjarja globali u għall-irfid tal-iżvilupp sostenibbli. L-isforzi f'dak il-qasam għandhom jiffokaw fuq il-konverġenza ma' standards maqbula fil-livell internazzjonali u l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-PTEE mal-acquis tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Għandha tingħata l-attenzjoni xierqa għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-PTEE, inkluż fil-qasam tas-superviżjoni.

Emenda

(25) Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-servizzi finanzjarji bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha **timmira li tiġġieled kontra l-frodi fiskali u l-evaljoni u l-evitar tat-taxxa sabiex** tikkontribwixxi għall-bini ta' sistema finanzjarja aktar sikura, qawwija u trasparenti li hija essenzjali għat-titjib tal-istabbiltà finanzjarja globali u għall-irfid tal-iżvilupp sostenibbli. L-isforzi f'dak il-qasam għandhom jiffokaw fuq il-konverġenza ma' standards maqbula fil-livell internazzjonali u l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-PTEE mal-acquis tal-Unjoni dwar is-servizzi finanzjarji. Għandha tingħata l-attenzjoni xierqa għat-tisħiħ tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet tal-PTEE, inkluż fil-qasam tas-superviżjoni.

Emenda 8

Proposta għal deċiżjoni Premessa 32

Test propost mill-Kummissjoni

(32) **Din id-Deċiżjoni għandha tirreferi, fejn meħtieġ, biex [ir-Regolament NDICI] (l-Istrument għall-Viċinat, għall-Iżvilupp u għall-Kooperazzjoni Internazzjonali) għall-iskop tal-implimentazzjoni tal-kooperazzjoni u b'hekk tiżgura l-koerenza fil-ġestjoni tal-istrumenti kollha.**

Emenda

imħassar

Emenda 9

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 1 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE) mal-Unjoni (l-"assoċjazzjoni"), li tikkostitwixxi sħubija, imsejsa fuq l-Artikolu 198 tat-TFUE, sabiex jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE kif ukoll jiġu promossi l-valuri u l-istandards tal-Unjoni mad-dinja.

Emenda

1. Din id-Deċiżjoni tistabbilixxi assoċjazzjoni tal-pajjiżi u t-territorji extra-Ewropej (PTEE) mal-Unjoni (l-"assoċjazzjoni"), li tikkostitwixxi sħubija, imsejsa fuq l-Artikolu 198 tat-TFUE, sabiex jingħata appoġġ għall-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE kif ukoll jiġu promossi l-valuri, ***il-prinċipji*** u l-istandards tal-Unjoni mad-dinja.

Emenda 10

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tissejjes fuq objettivi, prinċipji u valuri kondiviżi mill-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom u l-Unjoni.

Emenda

1. L-assoċjazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE għandha tissejjes fuq objettivi, prinċipji u valuri kondiviżi mill-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom u l-Unjoni. ***Hija tikkontribwixxi għall-kisba tal-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli kif definiti fl-Aġenda 2030 kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi dwar il-Klima.***

Emenda 11

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-imsieħba għandhom jitmexxew mill-prinċipji tat-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-ħtieġa ta' effiċjenza u għandhom jindirizzaw it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE bl-istess mod: l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp

Emenda

3. Fl-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni, l-imsieħba għandhom jitmexxew mill-prinċipji tat-trasparenza, is-sussidjarjetà u l-ħtieġa ta' effiċjenza u għandhom jindirizzaw it-tliet pilastri tal-iżvilupp sostenibbli tal-PTEE bl-istess mod: l-iżvilupp ekonomiku, l-iżvilupp

soċjali u l-ħarsien ambjentali.

soċjali u **kulturali** u l-ħarsien ambjentali.

Emenda 12

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. ***L-objettiv*** ġenerali ta' din id-Deċiżjoni hija l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji ***extra Ewropej*** u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha. ***L-assoċjazzjoni għandha ssegwi dan l-objettiv ġenerali permezz tat-titjib tal-kompetittività tal-PTEE, it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-PTEE, it-tnaqqis tal-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali tagħhom u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejniethom u mal-imsieħba.***

Emenda 13

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) ***It-trawwim u l-appoġġ tal-kooperazzjoni mal-PTEE,***

Emenda 14

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) li jkun hemm appoġġ ***u kooperazzjoni ma' Greenland*** fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin ***tiegħu għal żieda fil-livell tal-edukazzjoni u biex jingħata kontribut għall-kapaċità tal-amministrazzjoni*** ta' Greenland ***biex***

Emenda

4. ***Skont l-Artikolu 3(5) u l-Artikolu 21 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea kif ukoll l-Artikolu 198 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, l-objettiv*** ġenerali ta' din id-Deċiżjoni hija l-promozzjoni tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali tal-pajjiżi u t-territorji ***extra-Ewropej*** u l-istabbiliment ta' relazzjonijiet ekonomiċi mill-qrib bejnhom u l-Unjoni fit-totalità tagħha.

Emenda

imħassar

Emenda

b) li jkun hemm appoġġ ***għall-PTEE*** fl-indirizzar tal-isfidi ewlenin ***li jħabbtu wiċċhom magħhom, inkluż il-livell tal-edukazzjoni fir-rigward*** ta' Greenland;

jifformula u jimplimenta aħjar il-politiki nazzjonali.

Emenda 15

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) it-tisħiħ tar-reżiljenza tal-PTEE billi titnaqqas il-vulnerabbiltà ekonomika u ambjentali tagħhom;

Emenda 16

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt bb (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bb) it-titjib fil-kompetittività tal-PTEE, li tinkludi l-istandards soċjali;

Emenda 17

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 5 – punt bc (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(bc) il-promozzjoni tal-kooperazzjoni tal-PTEE ma' msieħba oħra.

Emenda 18

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 3 – paragrafu 6

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

6. Fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, l-assoċjazzjoni għandha ttrispetta l-prinċipji fundamentali ***tal-libertà, id-demokrazija,***

6. Fl-ilħuq ta' dawn l-objettivi, l-assoċjazzjoni għandha ttrispetta l-prinċipji fundamentali ***tad-demokrazija, approċċ***

id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-iżvilupp sostenibbli, li kollha kemm huma huma komuni għall-PTEE u għall-Istati Membri li huma marbuta magħhom.

ibbażat fuq id-drittijiet li jinkludi d-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali ***kollha***, l-istat tad-dritt, il-governanza tajba u l-iżvilupp sostenibbli, li kollha kemm huma huma komuni għall-PTEE u għall-Istati Membri li huma marbuta magħhom. ***Dan jgħodd ukoll għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni abbażi ta' sess, razza, oriġini etnika, reliġjon, diżabbiltà, età, orjentazzjoni sesswali u ugwaljanza bejn il-ġeneri.***

Emenda 19

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 4 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Minħabba l-kapaċitajiet amministrattivi u umani limitati tal-PTEE, il-Kummissjoni għandha tqis dan kif xieraq fil-proċess tal-ipprogrammar u tal-implimentazzjoni u, b'mod partikolari, fl-adozzjoni tal-linji gwida tagħha.

Emenda 20

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(a) id-diversifikazzjoni ekonomika tal-ekonomiji tal-PTEE, fosthom l-integrazzjoni ulterjuri tagħhom fl-ekonomija dinjija u dik reġjonali; fil-każ speċifiku ta' Greenland, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tiegħu.

(a) id-diversifikazzjoni ekonomika ***sostenibbli*** tal-ekonomiji tal-PTEE, fosthom l-integrazzjoni ulterjuri tagħhom fl-ekonomija dinjija u dik reġjonali; fil-każ speċifiku ta' Greenland, il-ħtieġa li jiżdiedu l-ħiliet fil-forza tax-xogħol tiegħu.

Emenda 21

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-promozzjoni ta' mudell soċjali ta' kwalità;

Emenda 22

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt e

Test propost mill-Kummissjoni

e) il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riksju ta' diżastri;

Emenda

e) il-promozzjoni tat-tnaqqis tar-riskju ta' diżastri ***b'kunsiderazzjoni tal-prijoritajiet definiti fil-Qafas ta' Sendai għall-perjodu 2015-2030;***

Emenda 23

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt ħa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ħa) il-kwistjonijiet relatati mal-Karibew u l-Paċifiku.

Emenda 24

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 7 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Għal dan il-għan, l-Unjoni u l-PTEE jistgħu jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattika jew jistabbilixxu kwalunkwe sura oħra ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab oħrajn fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tal-PTEE f'organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, fejn xieraq permezz ta' ftehimiet internazzjonali.

Emenda

2. Għal dan il-għan, l-Unjoni u l-PTEE jistgħu jiskambjaw informazzjoni u l-aħjar prattika jew jistabbilixxu kwalunkwe sura oħra ta' kooperazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib ma' sħab oħrajn fil-kuntest tal-parteċipazzjoni tal-PTEE f'organizzazzjonijiet reġjonali u internazzjonali, fejn xieraq permezz ta' ftehimiet internazzjonali, ***sabiex jikkontribwixxu għall-integrazzjoni armonjuża tal-PTEE fl-ambjent ġeografiku rispettiv tagħhom.***

Emenda 25

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Partijiet II u III ta' din id-Deċiżjoni. F'dak ir-rigward, l-objettiv tal-assoċjazzjoni hija l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, l-istati u territorji tal-AKP u mhux tal-AKP. Sabiex tikseb dan l-objettiv, l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi rilevanti tal-Unjoni. L-Unjoni għandha ***tfittex li*** tassoċja l-PTEE fl-organi tagħhom ta' djalogu mal-pajjiżi ġirien tagħhom, sew jekk ikunu Stati u territorji tal-AKP ***kif ukoll daww mhux tal-AKP***, u mar-reġjuni ultraperiferiċi, fejn xieraq.

Emenda 26

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 7 – paragrafu 4 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda 27

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9 – titolu

Emenda

3. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tappoġġa l-kooperazzjoni bejn il-PTEE u sħab oħrajn fl-oqsma tal-kooperazzjoni stabbilita fil-Partijiet II u III ta' din id-Deċiżjoni. F'dak ir-rigward, l-objettiv tal-assoċjazzjoni hija l-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn il-PTEE u r-reġjuni ultraperiferiċi, imsemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE, l-istati u territorji tal-AKP u mhux tal-AKP. Sabiex tikseb dan l-objettiv, l-Unjoni għandha ttejjeb il-koordinazzjoni u s-sinerġiji bejn il-programmi rilevanti tal-Unjoni. L-Unjoni għandha tassoċja l-PTEE fl-organi tagħhom ta' djalogu mal-pajjiżi ġirien tagħhom, sew jekk ikunu Stati u territorji tal-AKP ***u sew jekk ma jkunux***, u mar-reġjuni ultraperiferiċi fejn xieraq, ***billi tipproponi li tagħtihom l-istatus ta' osservatur***.

Emenda

(aa) it-tisħiħ tal-kapaċità tal-PTEE li jinfluwenzaw l-adozzjoni ta' strateġiji reġjonali li jqisu l-ispeċifitàjiet tagħhom, il-potenzjal tagħhom u l-perspettiva Ewropea tal-PTEE;

Test propost mill-Kummissjoni

Trattament speċifiku

Emenda

Trattament speċifiku *għal PTEE iżolati*

Emenda 28

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 9a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 9a

Trattament speċifiku għall-PTEE l-inqas żviluppati

- 1. L-assoċjazzjoni għandha tqis id-diversità tal-PTEE f'termini tal-livell tal-iżvilupp tagħhom u tal-limiti strutturali tagħhom.**
- 2. Għandu jiġi definit trattament speċifiku għall-PTEE l-inqas żviluppati.**
- 3. Sabiex il-PTEE l-inqas żviluppati jkunu jistgħu jirkupraw id-dewmien fl-iżvilupp tagħhom, u jiffaċċjaw il-limitazzjonijiet strutturali permanenti tagħhom, l-ispeċifità jiet tagħhom għandhom jitqiesu kif xieraq meta jiġi determinat il-volum tal-assistenza finanzjarja kif ukoll il-kundizzjonijiet marbuta ma' din l-għajnuna.**
- 4. Il-PTEE meqjus bħala l-inqas żviluppat huwa t-Territorju tal-Gżejjer Wallis u Futuna.**

Emenda 29

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 10 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-assoċjazzjoni għandha tissejjes fuq djalogu u konsultazzjoni *wiesa'* dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku bejn il-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom *u l-Kummissjoni* u, fejn xieraq,

1. L-assoċjazzjoni għandha tissejjes fuq djalogu *fuq firxa wiesgħa* u konsultazzjoni dwar kwistjonijiet ta' interess reċiproku bejn il-PTEE, l-Istati Membri li huma marbuta magħhom, *il-*

il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Kummissjoni u **l-Parlament Ewropew** u, fejn xieraq, il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI).

Emenda 30

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Responsabbiltajiet tal-atturi mhux governattivi

Emenda

Responsabbiltajiet **tas-soċjetà ċivili** u tal-atturi mhux governattivi

Emenda 31

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 12 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

1. **L-atturi** mhux governattivi jista' jkollhom rwol fl-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni, b'mod partikolari għat-**tħejjija** u l-implimentazzjoni ta' assistenza għal kooperazzjoni, proġetti u programmi. Huma jistgħu jirċievu deroga ta' setgħat ta' ġestjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi għall-fini li jingħata appoġġ għal inizjattivi ta' żvilupp lokali.

Emenda

1. **Is-soċjetà ċivili, is-settur privat u l-atturi** mhux governattivi jista' jkollhom rwol fl-iskambju ta' informazzjoni u konsultazzjonijiet dwar il-kooperazzjoni, b'mod partikolari għat-**tħejjija** u l-implimentazzjoni ta' assistenza għal kooperazzjoni, proġetti u programmi. Huma jistgħu jirċievu deroga ta' setgħat ta' ġestjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni ta' proġetti u programmi għall-fini li jingħata appoġġ għal inizjattivi ta' żvilupp lokali.

Emenda 32

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

3. Id-djalogu għandu jippermetti lill-PTEE biex jiehd u sehem fl-implimentazzjoni tal-assoċjazzjoni.

Emenda

3. Id-djalogu għandu jippermetti lill-PTEE biex jiehd u sehem fl-implimentazzjoni tal-assoċjazzjoni **kif ukoll fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-istrateġiji reġjonali tal-Unjoni fiż-żoni fejn jinsabu l-PTEE.**

Emenda 33

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Id-djalogu għandu jiffoka, fost l-oħrajn, fuq kwistjonijiet politiċi ta' interess reċiproku jew ta' sinifikat ġenerali **għall-ksib tal-obiettivi** tal-assoċjazzjoni.

Emenda

4. Id-djalogu għandu jiffoka, fost l-oħrajn, fuq kwistjonijiet politiċi ta' interess reċiproku jew ta' sinifikat ġenerali **biex jinkisbu kemm l-obiettivi** tal-assoċjazzjoni **kif ukoll l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli**.

Emenda 34

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Id-djalogu ma' Greenland għandu, b'mod partikulari, jipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni u djalogu wesgħin f'oqsma li jikkonċernaw, fost oħrajn, l-enerġija, it-tibdil fil-klima **u l-ambjent**, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-ħut, it-trasport marittimu, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll id-dimensjoni tal-Artiku ta' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda

5. Id-djalogu ma' Greenland għandu, b'mod partikulari, jipprovdi l-bażi għal kooperazzjoni u djalogu wesgħin f'oqsma li jikkonċernaw, fost oħrajn, **l-educazzjoni**, l-enerġija, it-tibdil fil-klima, **l-ambjent, in-natura**, ir-riżorsi naturali, inkluża l-materja prima u l-istokkijiet tal-ħut, it-trasport marittimu, ir-riċerka u l-innovazzjoni, kif ukoll id-dimensjoni tal-Artiku ta' dawk il-kwistjonijiet.

Emenda 35

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 5a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5a. Id-djalogu mal-PTEE tal-Karibew b'mod partikolari għandu jservi biex tissaħħaħ l-istrateġija Ewropea fir-reġjun tal-Karibew u biex ikun hemm kooperazzjoni fuq kwistjonijiet relatati mal-bijodiversità, mat-tibdil fil-klima, mal-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi, mal-prevenzjoni u mal-ġestjoni tar-riskju ta'

diżastri, mad-dimensjoni soċjali kif ukoll mal-promozzjoni ta' governanza tajba, speċjalment fil-qasam tat-tassazzjoni u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata.

Emenda 36

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 13 – paragrafu 5b (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

5b. *Id-djalogu mal-PTEE tal-Paċifiku għandu jservi b'mod partikolari biex tiġi definita u implimentata strateġija Ewropea ambizzjuża fir-reġjun tal-Paċifiku billi tissahhaq il-preżenza Ewropea, u biex ikun hemm kooperazzjoni b'mod partikolari fuq il-kwistjonijiet soċjali, il-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi tal-baħar u tal-art, it-tibdil fil-klima, l-enerġija, l-ambjent u l-ekonomija blu.*

Emenda 37

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

a) il-forum għad-djalogu bejn il-PTEE u l-UE (il-"forum PTEE-UE"), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqaq l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri u ***l-Kummissjoni. Il-membri tal-Parlament Ewropew***, ir-rappreżentanti tal-BEI, u r-rappreżentanti ***tal-reġjuni*** ultraperiferiċi għandhom, fejn xieraq, ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE;

a) il-forum għad-djalogu ***politiku*** bejn il-PTEE u l-UE (il-"forum PTEE-UE"), għandu jiltaqa' kull sena biex ilaqqaq l-awtoritajiet tal-PTEE, ir-rappreżentanti tal-Istati Membri, ***il-Kummissjoni, il-Preżidenza tal-Kunsill u l-Parlament Ewropew. L-assoċjazzjoni tal-PTEE (OCTA)***, ir-rappreżentanti tal-BEI, u r-rappreżentanti ***tar-reġjuni*** ultraperiferiċi ***u r-rappreżentanti ta' pajjiżi terzi jew ta' territorji ġirien tal-PTEE*** għandhom, fejn xieraq, ikunu assoċjati mal-Forum PTEE-UE;

Emenda 38

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 14 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) fuq bażi regolari, il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandu jkollhom konsultazzjonijiet trilaterali. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati tal-inqas **tlit** darbiet fis-sena fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba tal-PTEE u tal-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu;

Emenda

b) fuq bażi regolari, il-Kummissjoni, il-PTEE u l-Istati Membri li l-PTEE għandhom rabtiet magħhom għandu jkollhom konsultazzjonijiet trilaterali. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom jiġu organizzati tal-inqas **erba'** darbiet fis-sena fuq inizzjattiva tal-Kummissjoni jew fuq talba tal-PTEE u tal-Istat Membru li jkollu rabtiet miegħu;

Emenda 39

Proposta għal deċiżjoni

Parti II – kapitolu 1 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

IL-KWISTJONIJIET AMBJENTALI, IT-TIBDIL FIL-KLIMA, L-OĊĊANI U T-TNAQQIS TA' DIŻASTRI

Emenda

IL-KWISTJONIJIET AMBJENTALI, IT-TIBDIL FIL-KLIMA, L-OĊĊANI U T-TNAQQIS **TAR-RISKJI** TA' DIŻASTRI

Emenda 40

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ambjent, it-tibdil fil-klima **u t-tnaqqis** tar-riskju ta' diżastri tista' tikkonċerna:

Emenda

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ambjent, it-tibdil fil-klima, **it-tnaqqis** tar-riskju ta' diżastri **u t-titjib fir-reżiljenza** tista' tikkonċerna:

Emenda 41

Proposta għal deċiżjoni

Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(c) il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-effiċjenza fl-użu tagħhom, **u li jiġi mħeġġeġ id-diżakkoppjament tat-tkabbir ekonomiku mid-degradazzjoni ambjentali**; et

Emenda 42

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 16 – paragrafu 1 – punt ea (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

(c) il-promozzjoni tal-użu sostenibbli tar-riżorsi u l-effiċjenza fl-użu tagħhom, **bil-għan li tinkiseb ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ibbażata fuq strateġiji għal tranżizzjoni ġusta**; et

Emenda

(ea) l-indirizzar ta' problemi relatati mad-degradazzjoni tal-art, speċjalment iż-żieda fil-livelli tal-baħar u l-kontaminazzjoni tal-ħamrija.

Emenda 43

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 17 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar sostenibbli tal-foresti tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli ta' foresti, inkluż ir-rwol tagħhom fil-konservazzjoni tal-ambjent mill-erożjoni u **l-kontroll tad-deżertifikazzjoni**, l-afforestazzjoni u l-immaniġġar tal-esportazzjonijiet tal-injam.

Emenda

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam tal-immaniġġar sostenibbli tal-foresti tista' tikkonċerna l-promozzjoni tal-konservazzjoni u l-immaniġġar sostenibbli ta' foresti, inkluż ir-rwol tagħhom fil-konservazzjoni tal-ambjent mill-erożjoni u **l-ġlieda kontra d-deżertifikazzjoni**, l-afforestazzjoni u l-immaniġġar tal-esportazzjonijiet tal-injam, **u l-ġlieda kontra l-isfruttament illegali tal-foresti.**

Emenda 44

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 18 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) it-tlaqqiġ ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali bħas-sajd u l-akwakultura, it-turiżmu, it-trasporti marittimi u l-agrikoltura mal-potenzjal ta' żoni kostali u

Emenda

(b) it-tlaqqiġ ta' attivitajiet ekonomiċi u soċjali bħas-sajd u l-akwakultura, it-turiżmu, it-trasporti marittimi u l-agrikoltura **sostenibbli** mal-potenzjal ta'

tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli, materja prima, filwaqt li jitqiesu l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-attivitajiet tal-bniedem.

żoni kostali u tal-baħar f'termini ta' enerġija rinnovabbli, materja prima, filwaqt li jitqiesu l-impatti tat-tibdil fil-klima u l-attivitajiet tal-bniedem.

Emenda 45

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 23 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

(c) l-iżvilupp u t-tiġid tal-ħarsien ambjentali;

Emenda

(c) l-iżvilupp u t-tiġid ***tad-drittijiet tal-bniedem kif ukoll*** tal-ħarsien ***soċjali u*** ambjentali;

Emenda 46

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 24 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

(b) tikkontribwixxi għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex iwettqu l-impenji tagħhom dwar il-bidla fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima

Emenda

(b) tikkontribwixxi għall-isforzi tal-pajjiżi sħab biex iwettqu l-impenji tagħhom dwar il-bidla fil-klima skont il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima ***u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli;***

Emenda 47

Proposta għal deċiżjoni Parti II – kapitolu 4 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

ŻGĦAŻAGĦ, EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ, SAĦĦA, IMPJEGI, SIGURTÀ SOĊJALI, IS-SIKUREZZA TAL-IKEL U ***S-SIKUREZZA*** TAL-IKEL

Emenda

ŻGĦAŻAGĦ, ***NISA***, EDUKAZZJONI, TAĦRIĠ, SAĦĦA, IMPJEGI, SIGURTÀ SOĊJALI, IS-SIKUREZZA TAL-IKEL U ***S-SIGURTÀ*** TAL-IKEL

Emenda 48

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. *L-Unjoni u l-PTEE għandhom jikkooperaw bil-għan li jiżguraw il-parteċipazzjoni attiva taż-żghażaġh fis-suq tax-xogħol sabiex jiġġieldu kontra l-qgħad fost iż-żghażaġh.*

Emenda 49

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 32a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 32a

Ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa

1. *L-Unjoni għandha tfittex li tippromwovi l-ugwaljanza u l-ekwità bejn in-nisa u l-irġiel fil-PTEE, kif ukoll it-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa u opportunitajiet politiċi u ekonomiċi ndaqs għan-nisa.*

2. *L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tipproteġi d-drittijiet tan-nisa u tal-bniet, b'mod partikolari kontra kull forma ta' vjolenza.*

3. *L-assoċjazzjoni għandha wkoll l-għan li tippromwovi t-tisħiħ tal-pożizzjoni tan-nisa, b'mod partikolari fir-rwoli tagħhom ta' atturi fl-iżvilupp sostenibbli u fl-ambjent ekonomiku u finanzjarju.*

L-inizjattivi kollha għandhom jinkorporaw id-dimensjoni tal-ġeneru.

Emenda 50

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(b) *l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali.*

(b) *l-appoġġ lill-PTEE fid-definizzjoni u l-implimentazzjoni ta' politiki tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali; u*

Emenda 51

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 33 - paragrafu 1 - punt ba (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(ba) l-appoġġ għall-parteċipazzjoni u l-aċċess tal-PTEE għall-programm Erasmus+, billi titħeġġeġ u tiżdied il-mobilità tal-benefiċjarji potenzjali tiegħu minn u lejn il-PTEE.

Emenda 52

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 38 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Arti tal-ispettaklu

Belle arti

Emenda 53

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 38 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-arti tal-ispettaklu*** tista' tikkonċerna:

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-belle arti*** tista' tikkonċerna:

Emenda 54

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

a) il-faċilitazzjoni ta' aktar kuntatti bejn il-prattikanti ***ta'*** arti ***tal-ispettaklu*** f'oqsma bħall-iskambji professjonali u taħriġ fosthom il-parteċipazzjoni f'udjenzi bi prova, l-iżvilupp ta' netwerks u l-

a) il-faċilitazzjoni ta' aktar kuntatti bejn il-prattikanti ***tal-belle*** arti f'oqsma bħall-iskambji professjonali u taħriġ fosthom il-parteċipazzjoni f'udjenzi bi prova, l-iżvilupp ta' netwerks u l-

promozzjoni tan-netwerking;

promozzjoni tan-netwerking *permezz ta' appoġġ finanzjarju adegwat*;

Emenda 55

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 38 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(aa) il-promozzjoni tal-produzzjonijiet artistiċi tal-PTEE fl-Unjoni;

Emenda 56

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 39 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u monumenti storiċi għandha l-għan li tippromwovi skambji ta' għarfien espert u tal-aħjar Prattiki permezz ta':

Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ta' wirt kulturali tanġibbli u intanġibbli u monumenti storiċi għandha l-għan li tippromwovi skambji ta' għarfien espert u tal-aħjar Prattiki *u l-valorizzazzjoni sostenibbli tas-siti* permezz ta':

Emenda 57

Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 39 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

(da) it-titjib fl-għarfien kif ukoll il-preservazzjoni u t-tisħiħ tal-wirt kulturali tanġibbli u mhux tanġibbli tal-PTEE.

Emenda 58

Proposta għal deċiżjoni
Parti II – kapitolu 6 – titolu

Test propost mill-Kummissjoni

IL-ĠLIEDA KONTRA L-KRIMINALITÀ ORGANIZZATA

Emenda 59

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu -40 a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

IL-PROMOZZJONI TAL-ISTAT TAD-DRITT

Emenda

Artikolu -40 a

Il-promozzjoni tal-istat tad-dritt

1. L-assoċjazzjoni għandha l-għan li tippromwovi l-prinċipji tad-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u għal-libertajiet fundamentali li fuqhom hija bbażata, permezz tad-djalogu u tal-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE.

2. Il-PTEE bħala ċentri mbiegħda avvanzati tal-Unjoni huma atturi ewlenin fit-tixrid tal-valuri u tal-prinċipji tal-Unjoni fir-reġjuni rispettivi tagħhom.

Emenda 60

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 41 – titolu**

Test propost mill-Kummissjoni

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' bnedmin, abbuż sesswali mitfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni

Emenda

Il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, it-traffikar ta' bnedmin, abbuż sesswali mitfal u l-isfruttament sesswali, it-terroriżmu u l-korruzzjoni **u l-prevenzjoni korrispondenti tagħhom**

Emenda 61

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 41 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-kriminalità*** organizzata tista' tikkonċerna:

Emenda

1. Fil-kuntest tal-assoċjazzjoni, il-kooperazzjoni fil-qasam ***tal-ġlieda kontra l-kriminalità*** organizzata ***u l-prevenzjoni tagħha*** tista' tikkonċerna:

Emenda 62

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 42a (ġdid)**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 42a

Negożjar ta' ftehimiet kummerċjali ma' pajjiżi terzi

Meta negożjar ta' ftehimiet kummerċjali jew tas-sajd ma' pajjiżi terzi jhedded li jikkawża ħsara serja lill-integrazzjoni reġjonali jew lil setturi sensittivi tal-PTEE, il-Kummissjoni għandha twettaq valutazzjoni tal-impatt, filwaqt li tqis l-impatt kumulattiv ta' dawn il-ftehimiet fuq l-ekonomiji tal-PTEE. Ladarba tittlesta din l-analiżi, il-Kummissjoni għandha tgħaddi r-riżultati tagħha lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet governattivi u lokali tal-PTEE qabel il-konklużjoni tal-ftehimiet internazzjonali kkonċernati.

Emenda 63

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 53 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Kooperazzjoni relatata mal-kummerċ ***għandha*** jkollha l-għan li tappoġġa l-oġettivi aħħarija tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) ***u*** l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi. Dan jista' jestendi wkoll għal kooperazzjoni dwar oqsma oħra relatati mal-kummerċ ta'

2. Kooperazzjoni relatata mal-kummerċ ***għandu*** jkollha l-għan li tappoġġa l-oġettivi aħħarija tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC), l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi ***u l-għanijiet ta' żvilupp sostenibbli***. Dan jista' jestendi wkoll għal kooperazzjoni dwar

ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Konvenzjoni dwar il-Kummerç għall-Ispeċijiet fil-Periklu.

oqsma oħra relatati mal-kummerç ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, bħall-Konvenzjoni dwar il-Kummerç għall-Ispeċijiet fil-Periklu.

Emenda 64

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 59 – paragrafu 1 – punt 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-istat minn PTEE li tfixkel jew thedded li tfixkel il-kompetizzjoni billi tiffavorixxi ċerti impriżi, sa fejn dan għandu effett negattiv sinifikanti fuq il-kummerç jew l-investment.

Emenda

imħassar

Emenda 65

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 70 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

L-Unjoni u l-PTEE se jagħmlu l-almu tagħhom kollu biex jaraw li fit-territorju tagħhom jiġu implimentati u applikati l-istandards li dwarhom hemm qbil internazzjonali għar-regolamentazzjoni u superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fil-ġlieda kontra ***l-evazzjoni*** u ***l-iskartar*** tat-taxxa. "Il-Prinċipji għal Superviżjoni Effettiva tal-Banek" tal-Kumitat ta' Basilea, "Il-Prinċipji Ewlenija tal-Assigurazzjoni" tal-Assoċjazzjonijiet Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, "L-Objettivi u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, "Il-Ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa" tal-OECD, "Id-Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-iskambju ta' Informazzjoni għal finijiet fiskal tal-G20, "l-Attributi Ewlenin tas-Sistemi ta' Riżoluzzjoni Effettivi għal

Emenda

L-Unjoni u l-PTEE se jagħmlu l-almu tagħhom kollu biex jaraw li fit-territorju tagħhom jiġu implimentati u applikati l-istandards li dwarhom hemm qbil internazzjonali għar-regolamentazzjoni u superviżjoni fis-settur tas-servizzi finanzjarji u fil-ġlieda kontra ***l-frodi fiskali, l-evazzjoni*** u ***l-evitar*** tat-taxxa. "Il-Prinċipji għal Superviżjoni Effettiva tal-Banek" tal-Kumitat ta' Basilea, "Il-Prinċipji Ewlenija tal-Assigurazzjoni" tal-Assoċjazzjonijiet Internazzjonali tas-Superviżuri tal-Assigurazzjoni, "L-Objettivi u l-Prinċipji tar-Regolament dwar it-Titoli" tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kummissjonijiet tat-Titoli, "Il-Ftehim dwar l-iskambju ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet tat-taxxa" tal-OECD, "Id-Dikjarazzjoni dwar it-Trasparenza u l-iskambju ta' Informazzjoni għal finijiet fiskal tal-G20, "l-Attributi Ewlenin tas-Sistemi ta' Riżoluzzjoni

Istituzzjonijiet Finanzjarji" tal-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja.

Effettivi għal Istituzzjonijiet Finanzjarji" tal-Bord tal-Istabbiltà Finanzjarja ***jew saħansitra l-Konvenzjoni tan-NU Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali u l-protokolli tagħha.***

Emenda 66

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) rizersi finanzjarji xierqa u assistenza teknika adegwata bil-għan tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-PTEE li jifformulaw u jimplementaw oqfsa strateġiċi u regolatorji;

Emenda

a) rizersi finanzjarji xierqa u assistenza teknika adegwata ***fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni*** bil-għan tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-PTEE li jifformulaw u jimplementaw oqfsa strateġiċi u regolatorji;

Emenda 67

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) finanzjament fit-tul għall-promozzjoni tat-tkabbir tas-settur privat;

Emenda

b) finanzjament fit-tul ***fil-kuntest ta' din id-Deċiżjoni*** għall-promozzjoni tat-tkabbir tas-settur privat;

Emenda 68

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 72 – paragrafu 1 – punt c

Test propost mill-Kummissjoni

c) ***fejn xieraq***, Programmi oħrajn tal-Unjoni ***jistgħu jikkontribwixxu*** għal azzjonijiet stabbiliti skont din id-Deċiżjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. ***Din id-Deċiżjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għal miżuri stabbiliti skont Programmi oħra tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż.*** F'każijiet bħal dawn, il-programm ta' ħidma li jkopri dawk

Emenda

c) ***finanzjamenti addizzjonali permezz ta' Programmi oħrajn tal-Unjoni li jippermettu li jinġhata kontribut*** għal azzjonijiet stabbiliti skont din id-Deċiżjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess kostijiet. F'każijiet bħal dawn, il-programm ta' ħidma li jkopri dawk l-azzjonijiet għandu jstabbilixxi liema sett ta' regoli għandu jiġi applikat.

l-azzjonijiet għandu jistabbilixxi liema sett ta' regoli għandu jiġi applikat.

Emenda 69

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 72 – paragrafu 1a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Din id-Deċiżjoni tista' tikkontribwixxi wkoll għal miżuri stabbiliti skont programmi oħra tal-Unjoni, sakemm il-kontribuzzjonijiet ma jkoprox l-istess spejjeż. F'każijiet bħal dawn, il-programm ta' ħidma li jkopri dawk l-azzjonijiet għandu jistabbilixxi liema sett ta' regoli għandu jiġi applikat.

Emenda 70

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 73 – paragrafu 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm għall-perjodu 2021-2027, għandu jkun ta' EUR **500 000 000**, f'termini ta' prezzijiet attwali.

1. Il-pakkett finanzjarju għall-Programm għall-perjodu 2021-2027, għandu jkun ta' EUR **669 000 000**, f'termini ta' prezzijiet attwali.

Emenda 71

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

a) "għajjnuna programmabbli" tfisser l-għajjnuna li ma titħallasx lura lill-PTEE għall-finanzjament ta' strateġiji u prijoritajiet territorjali **u reġjonali** stabbiliti fid-dokumenti ta' pprogrammar;

a) "għajjnuna programmabbli" tfisser l-għajjnuna li ma titħallasx lura lill-PTEE għall-finanzjament ta' strateġiji u prijoritajiet territorjali, **reġjonali u intrareġjonali, fejn xieraq**, stabbiliti fid-dokumenti ta' pprogrammar;

Emenda 72

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 74 – paragrafu 1 – punt g

Test propost mill-Kummissjoni

g) "allokazzjoni intrareġjonali" tfisser l-ammont — fi ħdan l-allokazzjoni reġjonali — allokati għall-ghajjnuna programmabbli sabiex **tiffinanzja** l-istrateġiji u l-prijoritajiet ta' kooperazzjoni intrareġjonali li jinvolvu **tal-inqas PTEE wieħed jew wieħed jew bosta diversi reġjuni ultraperiferiċi msemmija** fl-Artikolu 349 **tat-TFUE u/jew Stat wieħed jew aktar tal-AKP u/jew Stat mhux tal-AKP u territorji**.

Emenda 73

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 74a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

g) "allokazzjoni intrareġjonali" tfisser l-ammont — fi ħdan l-allokazzjoni reġjonali — allokati għall-ghajjnuna programmabbli sabiex **jiffinanzja** l-istrateġiji u l-prijoritajiet ta' kooperazzjoni intrareġjonali li jinvolvu **l-entitajiet imsemmija** fl-Artikolu 82 **ta' din id-Deċiżjoni**.

Emenda

Artikolu 74a

Prinċipju ġenerali

Sakemm mhux speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, l-ghajjnuna finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata skont ir-Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill^{1a} ("ir-Regolament Finanzjarju") u l-oġettivi u l-prinċipji ta' din id-Deċiżjoni.

^{1a}Regolament (UE, Euratom) 2018/1046 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Lulju 2018 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1296/2013, (UE) Nru 1301/2013, (UE) Nru 1303/2013, (UE) Nru 1304/2013, (UE) Nru 1309/2013, (UE) Nru 1316/2013, (UE) Nru 223/2014, (UE) Nru 283/2014, u d-Deċiżjoni Nru 541/2014/UE u li jħassar ir-Regolament (UE, Euratom)

Emenda 74

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 75 – paragrafu 3 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi ġeografiċi, soċjali u kulturali rispettivi tal-PTEE, kif ukoll tal-potenzjal speċifiku tagħhom;

Emenda

a) tiġi implimentata b'kunsiderazzjoni tal-karatteristiċi **demografiċi**, ġeografiċi, **ekonomiċi u finanzjarji, ambjentali**, soċjali u kulturali rispettivi tal-PTEE, kif ukoll tal-potenzjal speċifiku tagħhom;

Emenda 75

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 75 – paragrafu 4a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

4a. Il-finanzjament tal-Unjoni jista' jingħata bit-tipi ta' finanzjament previsti fir-Regolament Finanzjarju, u b'mod partikolari permezz ta':

(a) sussidji;

(b) kuntratti pubbliċi għal servizzi, provvisti jew xogħlijiet;

(c) appoġġ baġitarju;

(d) kontribuzzjonijiet għall-fondi fiduċjarji stabbiliti mill-Kummissjoni skont l-Artikolu 234 tar-Regolament Finanzjarju;

(e) strumenti finanzjarji;

(f) garanziji baġitarji;

(g) finanzjamenti mħallta;

(h) assistenza finanzjarja;

(i) esperti esterni mħallsa.

Bħala parti mill-għajnuna programmabbli, l-għajnuna finanzjarja tal-Unjoni prinċipalment tieħu l-forma ta' appoġġ baġitarju għall-PTEE.

L-għajnuna finanzjarja mill-Unjoni tista' wkoll tiġi pprovduta, skont ir-Regolament Finanzjarju, permezz ta' kontribuzzjonijiet għal fondi internazzjonali, reġjonali jew nazzjonali, bħal dawk stabbiliti jew ġestiti mill-BEI, mill-Istati Membri, minn pajjiżi u reġjuni msieħba, jew minn organizzazzjonijiet internazzjonali, sabiex jiġu attirati finanzjamenti konġunti minn diversi donaturi, jew minn fondi stabbiliti minn donatur wieħed jew aktar għat-twettiq konġunt ta' proġetti.

L-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata mill-Kummissjoni skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Finanzjarju, direttament mid-dipartimenti tagħha, mid-Delegazzjonijiet tal-Unjoni u l-aġenziji eżekuttivi, fil-qafas ta' ġestjoni konġunta mal-Istati Membri, jew indirettament billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lill-entitajiet elenkati fir-Regolament Finanzjarju. Dawn l-entitajiet għandhom jiżguraw il-kompatibbiltà mal-politika esterna tal-Unjoni u jistgħu jafdaw kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja lil entitajiet oħra, b'termini ekwivalenti għal dawk applikabbli għall-Kummissjoni.

L-azzjonijiet iffinanzjati jistgħu jiġu implimentati permezz ta' kofinanzjament parallel jew konġunt. Fil-każ ta' kofinanzjament parallel, azzjoni għandha tinqasam f'bosta komponenti identifikabbli b'mod ċar, li kull wieħed minnhom għandu jiġi ffinanzjat mill-imsieħba ta' kofinanzjament differenti sabiex jiġi żgurat li d-destinazzjoni tal-finanzjament tibqa' dejjem identifikabbli. Fil-każ ta' kofinanzjament konġunt, l-ispiża totali ta' azzjoni għandha tinqasam bejn l-imsieħba li jipprovdu l-kofinanzjament u r-riżorsi għandhom jiġu akkomunati b'mod li ma jibqax aktar possibbli li jkun identifikat is-sors ta' finanzjament ta' kwalunkwe attività speċifika mwettqa bħala parti mill-azzjoni. F'każ bħal dan, il-pubblikazzjoni

sussegwenti tal-ftehimiet tal-għotja u tal-kuntratti pubbliċi, kif imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament Finanzjarju, għandha ttrrispetta r-regoli tal-entità responsabbli, fejn applikabbli.

Il-finanzjament tal-UE la għandu jiġġenera u lanqas jixpruna l-ġbir ta' taxxi, dazji jew tariffi speċifiċi.

Emenda 76

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 75 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 75a

Differimenti, pagamenti akkont annwali, approprjazzjonijiet ta' impenn, rimborżi u riċevuti minn strumenti finanzjarji

1. Flimkien mal-Artikolu 12(2) tar-Regolament Finanzjarju, l-approprjazzjonijiet ta' impenn u l-pagamenti mhux użati taħt din id-Deċiżjoni għandhom jiġu trasferiti b'mod awtomatiku u jistgħu jiġu impenjati sal-31 ta' Diċembru tas-sena finanzjarja sussegwenti. L-ammont diferit għandu jintuża bħala prijorità matul is-sena finanzjarja sussegwenti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill bl-approprjazzjonijiet ta' impenn trasferiti f'konformità mal-Artikolu 12(6) tar-Regolament Finanzjarju.

2. Minbarra r-regoli stabbiliti fl-Artikolu 15 tar-Regolament Finanzjarju dwar id-disponibbiltà mill-ġdid ta' approprjazzjonijiet, l-approprjazzjonijiet ta' impenn li jikkorrispondu għall-ammont ta' diżimpenji magħmula wara n-nuqqas totali jew parzjali ta' implimentazzjoni ta' azzjoni taħt din id-Deċiżjoni għandhom jerġgħu jsiru disponibbli għall-benefiċċju tal-linja baġitarja oriġinali. Kwalunkwe referenza għall-Artikolu 15 tar-Regolament

Finanzjarju fl-Artikolu 12(1)(b) tar-Regolament li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għandha tinftiehem li tinkludi referenza għal dan il-paragrafu għall-finijiet ta' din id-Deċiżjoni.

3. L-impenji baġitarji għal azzjonijiet li jestendu għal aktar minn sena finanzjarja waħda jistgħu jinqasmu fuq bosta snin f'pagamenti akkont annwali, f'konformità mal-Artikolu 112(2) tar-Regolament Finanzjarju.

It-tielet paragrafu tal-Artikolu 114(2) tar-Regolament Finanzjarju ma japplikax għal tali azzjonijiet pluriennali. Il-Kummissjoni għandha tiddiżimpenja b'mod awtomatiku kwalunkwe parti ta' impenn baġitarju relatat ma' azzjoni li, sal-31 ta' Diċembru tal-ħames sena ta' wara s-sena li fiha jkun ġie adottat l-impenn baġitarju, ma jkunx intuża għall-pagament prefinanzjament jew għal pagamenti interim jew għal pagamenti li għalih ma tkun tressqet ebda dikjarazzjoni ċertifikata ta' nfiq jew ebda pretensjoni għall-pagament.

Il-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu għandu japplika wkoll għall-pagamenti annwali.

Emenda 77

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 76 – paragrafu 1 – punt b

Test propost mill-Kummissjoni

b) żvilupp istituzzjonali, bini ta' kapaċità u integrazzjoni tal-aspetti ambjentali;

Emenda

b) żvilupp istituzzjonali, bini ta' kapaċità u integrazzjoni tal-aspetti ambjentali, *tal-ġeneru u tal-governanza tajba*;

Emenda 78

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 77 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. L-Unjoni għandha tappoġġa l-isforzi tal-PTEE fl-iżvilupp ta' dejta statistika affidabbli dwar dawn l-oqsma.

Emenda

2. L-Unjoni għandha tappoġġa l-isforzi tal-PTEE fl-iżvilupp ta' dejta statistika affidabbli **u pubblikament aċċessibbli** dwar dawn l-oqsma.

Emenda 79

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 77 – paragrafu 3**

Test propost mill-Kummissjoni

3. L-Unjoni tista' tappoġġa l-PTEE fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-komparabbiltà tal-indikaturi makroekonomiċi tagħhom.

Emenda

3. L-Unjoni tista' tappoġġa l-PTEE fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-komparabbiltà tal-indikaturi makroekonomiċi tagħhom, ***b'mod partikolari billi tiffaċilita l-analiżi tal-PGD tal-PTEE permezz tal-parità tal-kapaċità tal-akkwist jekk din tkun disponibbli.***

Emenda 80

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 78 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħha, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat ma' preparazzjoni, segwitu, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għal tali implimentazzjoni, ***kif ukoll nefqa fil-kwartieri ġenerali u d-delegazzjonijiet tal-Unjoni għall-appoġġ amministrattiv meħtieġa għall-programm, u għall-ġestjoni ta' operazzjonijiet iffinanzjati taħt din id-Deċiżjoni, inklużi l-azzjonijiet ta' informazzjoni u ta' komunikazzjoni, u sistemi tat-teknoloġija u tal-informazzjoni korporattiva.***

Emenda

1. Fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, il-finanzjament mill-Unjoni jista' jkopri nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' din id-Deċiżjoni u għall-ilħuq tal-oġġettivi tagħha, inkluż l-appoġġ amministrattiv assoċjat ma' preparazzjoni, segwitu, monitoraġġ, kontroll, verifika u evalwazzjoni li huma meħtieġa għal tali implimentazzjoni.

Emenda 81

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 79

Test propost mill-Kummissjoni

Artikolu 79

Prinċipju ġenerali

Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor f'din id-Deċiżjoni, l-assistenza finanzjarja tal-Unjoni għandha tiġi implimentata f'konformità mal-oġġettivi u l-prinċipji ta' din id-Deċiżjoni, ir-Regolament Finanzjarju, u [ir-Regolament NDICI] b'mod partikolari, it-Titolu II, Kapitolu I, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 13, 14(1), 14(4) u 15, il-Kapitolu III, bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 21(2), 21(2) (a) u (b) u 21(3), u tal-Kapitolu V bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 31(1), 31(4), 31(6), 31(9) u 32(3). Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 80 ta' din id-Deċiżjoni ma għandhiex tapplika għall-każijiet imsemmija fl-Artikolu 21(2)(c) tar-[Regolament NDICI].

Emenda

imħassar

Emenda 82

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 79a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 79a

Adozzjoni ta' dokumenti ta' programmar

1. Fil-qafas tas-sħubija bejn l-Unjoni u l-PTEE, l-awtoritajiet tal-PTEE għandhom ikunu responsabbli mill-formulazzjoni u mill-adozzjoni ta' politiki settorjali fl-oqsma ewlenin ta' kooperazzjoni msemmija fil-Parti II ta' din id-Deċiżjoni filwaqt li jiżguraw il-monitoraġġ adegwat tagħhom.

Fuq din il-bażi, kull PTEE għandu jipprepara u jippreżenta dokument ta' programmar għall-iżvilupp sostenibbli tat-territorju tiegħu. Dan id-dokument ta'

programmar għandu jipprovdi qafas koerenti għall-kooperazzjoni bejn l-Unjoni u l-PTEE kkonċernat, li jirrispetta l-għan u l-kamp ta' applikazzjoni, l-oġettivi, il-prinċipji u l-politiki tal-Unjoni.

Kull dokument ta' programmar għandu jiddefinixxi:

–preżentazzjoni qasira tal-kuntest politiku, ekonomiku, soċjali, kulturali u ambjentali tal-PTEE;

–deskrizzjoni qasira tal-Istrateġija ta' Żvilupp Sostenibbli tal-PTEE (Aġenda 2030) li tidentifika l-prijoritajiet għall-PTEE u l-mod kif biħsiebu jikkontribwixxi għall-kisba tal-oġettivi ta' Żvilupp Sostenibbli;

–l-oqsma prijoritarji magħżula għall-finanzjament tal-Unjoni;

– l-oġettivi speċifiċi;

–ir-riżultati mistennija;

–indikaturi tal-prestazzjoni ċari u speċifiċi;

–l-allokazzjonijiet finanzjarji indikattivi, kemm fil-livell globali kif ukoll skont il-qasam prijoritarju;

–kalendarju indikattiv.

2. Id-dokument ta' programmar għandu jibni fuq l-esperjenza miksuba u l-prattiki tajba, u għandu jkun ibbażat fuq konsultazzjonijiet mas-soċjetà ċivili, mal-awtoritajiet lokali u ma' atturi oħra, kif ukoll fuq djalogu magħhom sabiex jiġu żgurati l-involviment suffiċjenti min-naħa tagħhom u l-ħidma ulterjuri fuq id-dokument indikattiv ta' programmar.

3. L-abbozz ta' dokument ta' programmar għandu jkun s-suġġett ta' skambju ta' fehmiet bejn l-awtoritajiet ta' kull PTEE, l-Istat Membru konness miegħu u l-Kummissjoni. L-awtoritajiet tal-PTEE għandhom ikunu responsabbli mill-finalizzazzjoni tad-dokument ta' programmar. Il-Kummissjoni għandha tispeċifika fil-linji gwida l-arranġamenti

ta' programmar għall-PTEE b'mod li tippermetti l-approvazzjoni rapida tad-dokumenti ta' programmar.

4. Ladarba jkun iffinalizzat, id-dokument ta' programmar għandu jiġi vvalutat mill-Kummissjoni, li għandha tivverifika li dan ikun konsistenti mal-għanijiet ta' din id-Deċiżjoni u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni, u li jkun fih l-elementi kollha meħtieġa għall-adozzjoni tad-deċiżjoni finanzjarja annwali. L-awtoritajiet tal-PTEE għandhom jipprovdu l-informazzjoni kollha meħtieġa, inklużi r-riżultati ta' kwalunkwe studju ta' fattibbiltà mwettaq, għall-finijiet ta' din il-verifika.

5. Id-dokument ta' programmar għandu jkun approvat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(5) ta' din id-Deċiżjoni.

Din il-proċedura għandha tapplika wkoll għal rieżamijiet sostanzjali li jkollhom l-effett li jbiddu b'mod sinifikanti l-istrateġija jew il-programmar.

Il-proċedura ta' eżami ma għandhiex tapplika għal bidliet mhux sostanzjali fid-dokument indikattiv ta' programmar li jinvolvu aġġustamenti tekniċi, ir-riallokazzjoni ta' fondi fl-allokazzjonijiet indikattivi skont il-qasam prijoritarju, jew żieda jew tnaqqis fl-ammont tal-allokazzjoni indikattiva inizjali ta' inqas minn 20 %, dment li dawn il-modifiki ma jaffettwawx l-oqsma prijoritarji jew l-oġettivi stabbiliti fid-dokument indikattiv ta' programmar. Il-Kummissjoni għandha tikkomunika dawn il-bidliet mhux sostanzjali lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xahar mid-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni rilevanti.

Emenda 83

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 79b (ġdid)**

Artikolu 79b

Pjanijiet ta' azzjoni u miżuri

1. **Il-Kummissjoni għandha tadotta pjanijiet ta' azzjoni jew miżuri annwali jew pluriennali. Il-miżuri jistgħu jieħdu l-forma ta' miżuri partikolari, miżuri speċjali, miżuri ta' appoġġ jew miżuri ta' assistenza eċċezzjonali. Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jispeċifikaw, għal kull azzjoni, l-għanijiet mixtieqa, ir-riżultati mistennija u l-attivitajiet ewlenin, il-modi ta' implimentazzjoni, il-baġit u l-ispejjeż kollha ta' appoġġ relatati.**

2. **Il-pjanijiet ta' azzjoni għandhom ikunu bbażati fuq dokumenti ta' programmar.**

3. **Il-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(5) ta' din id-Deċiżjoni. Mhuwiex meħtieġ li tiġi applikata l-proċedura msemmija fil-paragrafu 1 għal:**

a) **pjanijiet ta' azzjoni, miżuri speċjali u miżuri ta' appoġġ li għalihom il-finanzjament tal-Unjoni ma jaqbiżx l-EUR 10 000 000;**

b) **il-bidliet tekniċi, dment li dawn il-bidliet ma jaffettwawx b'mod sostanzjali l-għanijiet tal-pjan ta' azzjoni kkonċernat jew il-miżura kkonċernata, jiġifieri:**

i) **bidla fil-mod tal-implimentazzjoni;**

ii) **riallokazzjonijiet ta' fondi bejn azzjonijiet ippjanati fi pjan ta' azzjoni wieħed;**

iii) **żidiet jew tnaqqis fil-baġit tal-pjanijiet ta' azzjoni u tal-miżuri li ma jaqbiżux l-20 % tal-baġit inizjali u l-EUR 10 000 000.**

Fil-każ ta' pjanijiet ta' azzjoni u miżuri pluriennali, il-limiti msemmija fil-paragrafu 3(a) u (b)(iii) għandhom japplikaw fuq bażi annwali. Il-pjanijiet ta'

azzjoni u l-miżuri adottati skont dan il-paragrafu, bl-eċċezzjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali, u l-bidliet tekniċi għandhom jiġu kkomunikati lill-Parlament Ewropew u lill-Istati Membri fi żmien xahar mill-adozzjoni tagħhom.

4. Qabel ma tadotta jew testendi miżuri ta' għajnuna eċċezzjonali li l-ispiża tagħhom ma taqbiżx l-EUR 20 000 000, il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill dwar in-natura u l-għanijiet tagħhom u l-ammonti finanzjarji previsti. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Kunsill qabel ma tagħmel xi bidliet importanti fil-miżuri ta' assistenza eċċezzjonali diġà adottati. Il-Kummissjoni għandha tqis l-approċċ strateġiku adottat fil-kwistjoni mill-Kunsill kemm meta tippjana dawn il-miżuri kif ukoll meta timplimentatahom aktar tard, filwaqt li għandha tiżgura li tinżamm il-konsistenza fl-azzjoni esterna tal-Unjoni. Il-Kummissjoni għandha iżomm lill-Parlament Ewropew infurmat, kif xieraq u fil-ħin, dwar l-ippjanar u l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' assistenza eċċezzjonali taħt dan l-Artikolu, inkluż dwar l-ammonti finanzjarji previsti, u għandha tinfirmah ukoll fil-każ ta' bidla jew estensjoni sostanzjali ta' din l-assistenza.

5. Fil-każ ta' urġenza debitament ġustifikata, bħal kriżijiet ikkawżati minn diżastri naturali jew mill-bniedem, jew fil-każ ta' theddid imminenti għad-demokrazija, għall-istat tad-dritt, għad-drittijiet tal-bniedem jew għal-libertajiet fundamentali, il-Kummissjoni tista' tadotta pjanijiet ta' azzjoni u miżuri jew bidliet fil-pjanijiet ta' azzjoni eżistenti u fil-miżuri eżistenti, f'konformità mal-proċedura msemmija fl-Artikolu 88(5).

Emenda 84

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 80**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Artikolu 80

imħassar

L-adozzjoni ta' programmi indikattivi pluriennali, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri

Il-Kummissjoni għandha tadotta, skont din id-Deċiżjoni, fil-forma ta' "dokumenti ta' programmar individwali", programmi indikattivi pluriennali kif imsemmija fl-Artikolu 12 tar-[Regolament NDICI] flimkien mal-pjanijiet ta' azzjoni u l-miżuri korrispondenti msemmija fl-Artikolu 19 tar-[Regolament NDICI] f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 88(5) ta' din id-Deċiżjoni. Dik il-proċedura għandha tapplika wkoll għal rieżamijiet imsemmija fl-Artikolu 14(3) tar-[Regolament NDICI] li jkollhom l-effett li jimmodifikaw b'mod sinifikanti l-kontenut tal-programm indikattiv pluriennali.

Fil-każ ta' Greenland, pjanijiet ta' azzjoni u miżuri kif imsemmija fl-Artikolu 19 tar-[Regolament NDICI] jistgħu jiġu adottati separatament minn programmi indikattivi pluriennali.

Emenda 85

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 81 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. L-awtoritajiet pubbliċi tal-PTEE għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju previst f'din id-Deċiżjoni.

1. L-awtoritajiet pubbliċi tal-PTEE **kollha** għandhom ikunu eliġibbli għal appoġġ finanzjarju previst f'din id-Deċiżjoni.

Emenda 86

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 81 – paragrafu 2 – punt e**

Test propost mill-Kummissjoni

e) atturi ta' kooperazzjoni deċentralizzata u atturi oħra mhux governattivi mill-PTEE u mill-Unjoni, sabiex jgħinuhom jidħlu għal proġetti u programmi ekonomiċi, kulturali, soċjali u edukattivi fil-PTEE fil-qafas ta' kooperazzjoni deċentralizzata, kif imsemmi fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda

e) atturi ta' kooperazzjoni deċentralizzata u atturi oħra mhux governattivi mill-PTEE u mill-Unjoni, sabiex jgħinuhom jidħlu għal proġetti u programmi ekonomiċi, **ambjentali**, kulturali, soċjali u edukattivi fil-PTEE fil-qafas ta' kooperazzjoni deċentralizzata, kif imsemmi fl-Artikolu 12 ta' din id-Deċiżjoni.

Emenda 87

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 82 – paragrafu 1 – punt c – sottopunt iii**

Test propost mill-Kummissjoni

iii) wieħed jew aktar korpi reġjonali li l-PTEE jkunu msieħba fihom;

Emenda

iii) wieħed jew aktar korpi reġjonali **jew assoċjazzjoni waħda jew aktar** li l-PTEE jkunu msieħba fihom;

Emenda 88

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 83 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

1. Il-persuni fiżiċi minn PTEE, kif definiti fl-Artikolu 50, u, fejn xieraq, il-korpi u l-istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati rilevanti f'PTEE, għandhom ikunu eliġibbli għal parteċipazzjoni **fi programmi** tal-Unjoni u għal finanzjament min-naħa tal-Unjoni suġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-programmi u l-arranġament possibbli li jkunu applikabbli għall-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-PTEE.

Emenda

1. Il-persuni fiżiċi minn PTEE, kif definiti fl-Artikolu 50, u, fejn xieraq, il-korpi u l-istituzzjonijiet pubbliċi u/jew privati rilevanti f'PTEE, għandhom ikunu eliġibbli għal parteċipazzjoni **fil-programmi kollha** tal-Unjoni, **inkluż fil-Fond ta' Solidarjetà tal-Unjoni Ewropea**, u għal finanzjament min-naħa tal-Unjoni suġġett għar-regoli u l-oġettivi tal-programmi u l-arranġament possibbli li jkunu applikabbli għall-Istat Membru li jkollu rabtiet mal-PTEE.

Emenda 89

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 83 – paragrafu 2a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2a. Il-Kummissjoni għandha tiżgura aċċess effettiv u effiċjenti tal-PTEE għall-programmi u għall-istrumenti kollha ta' kooperazzjoni tal-Unjoni ma' pajjiżi oħra billi tipprevedi miżuri speċifiċi fejn ikun meħtieġ.

Barra minn hekk, il-Kummissjoni għandha tiżgura t-trasparenza tal-informazzjoni u l-viżibbiltà tas-sejħiet għall-proposti mnedija taħt id-diversi programmi tal-Unjoni permezz ta' portal ta' aċċess aġġornat u ddedikat għall-PTEE.

Emenda 90

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 83 – paragrafu 3

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

3. Il-PTEE għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni dwar din il-parteċipazzjoni fil-programmi tal-Unjoni, kull sena mill-2022.

3. Abbażi tal-informazzjoni provduta mill-PTEE, il-Kummissjoni għandha tħejji rapport annwali dwar il-parteċipazzjoni tal-PTEE fil-programmi tal-Unjoni.

Emenda 91

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 86 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress ta' din id-Deċiżjoni lejn il-kisba tal-obiettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 87, **biex temenda l-Artikolu 3 tal-Anness I bil-għan li tirrieżamina jew tikkomplementa l-**

Sabiex tiżgura l-valutazzjoni effettiva tal-progress ta' din id-Deċiżjoni lejn il-kisba tal-obiettivi tiegħu, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati, skont l-Artikolu 87, **sabiex tiddetermina l-indikaturi tal-prestazzjoni kif previst fl-Artikolu 3 tal-Anness I jew**

indikaturi fejn jitqies meħtieġ, u biex tissupplimenta din id-Deċiżjoni b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

biex tirrieżaminahom jew *tikkomplementahom* fejn jitqies meħtieġ, u biex tissupplimenta din id-Deċiżjoni b'dispożizzjonijiet dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' monitoraġġ u evalwazzjoni.

Emenda 92

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 87 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 86 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża impliċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu.

Emenda

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemmija fl-Artikolu 86 għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mill-1 ta' Jannar 2021. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux iktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża impliċitament għal perjodi ta' żmien identiċi, sakemm il-Kunsill ma joġġezzjonax għal tali estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perjodu. ***Il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew bid-deċiżjoni tiegħu.***

Emenda 93

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 87 – paragrafu 4

Test propost mill-Kummissjoni

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill b'dan.

Emenda

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifika lill-Kunsill ***u lill-Parlament Ewropew*** b'dan.

Emenda 94

Proposta għal deċiżjoni Artikolu 87 – paragrafu 5

Test propost mill-Kummissjoni

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 86 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhumiex sejrjn joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill.

Emenda

5. Att delegat adottat skont l-Artikolu 86 għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Kunsill ikun informa lill-Kummissjoni li mhumiex sejrjn joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Kunsill. ***Jekk il-Kunsill ikollu l-intenzjoni li jfassal xi oġġezzjoni, il-Kunsill għandu jinforma lill-Parlament Ewropew fi żmien raġonevoli qabel ma jieħu d-deċiżjoni finali, billi jindika l-att delegat li jkun biħsiebu joġġezzjona għalih u r-raġunijiet għall-oġġezzjonijiet tiegħu.***

Emenda 95

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 90 – paragrafu 1**

Test propost mill-Kummissjoni

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE⁴⁶.

Emenda

Ir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà għandu jiżgura l-koordinazzjoni politika ġenerali tal-azzjoni esterna tal-Unjoni, filwaqt li jiżgura l-unità, il-koerenza u l-effettività tal-azzjoni esterna tal-Unjoni.

⁴⁶ *Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/427/UE tas-26 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi l-organizzazzjoni u l-funzjonament tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (ĠU L 201, 3.8.2010, p. 30).*

Emenda 96

**Proposta għal deċiżjoni
Artikolu 92 – paragrafu 2**

Test propost mill-Kummissjoni

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021.

Emenda

Għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2021 **u tiskadi fil-31 ta' Diċembru 2027.**

Emenda 97

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

1. Għall-finijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni ta' EUR **500 000 000** fi prezzijiet attwali għandu jiġi allokat kif ġej:

Emenda

1. Għall-finijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, għall-perjodu ta' seba' snin mill-1 ta' Jannar 2021 sal-31 ta' Diċembru 2027, l-ammont globali ta' assistenza finanzjarja tal-Unjoni ta' EUR **669 000 000** fi prezzijiet attwali għandu jiġi allokat kif ġej:

Emenda 98

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt a

Test propost mill-Kummissjoni

a) **EUR 159 000 000** fil-forma ta' għotjiet għal appoġġ programmabbli bilaterali għal żvilupp fuq żmien twil **ta' PTEE għajr Greenland**, b'mod partikolari għall-finanzjament tal-inizjattivi msemmija fid-dokument tal-ipprogrammar. **L-ammont** għandu jkun allokat fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tal-PTEE skont il-kriterji li ġejjin: **fejn xieraq, id-dokument tal-ipprogrammar għandu jagħti attenzjoni partikolari għal azzjonijiet li huma mmirati għat-tisħiħ tal-governanza u l-kapaċitajiet istituzzjonali tal-PTEE benefiċjarji u, fejn rilevanti, l-iskeda ta' żmien tal-azzjonijiet previsti. L-allokkazzjoni ta' dan l-ammont għandha tqis id-daqs tal-popolazzjoni, il-livell tal-Prodott Domestiku Gross (PDG), il-livell ta' allokkazzjonijiet preċedenti u l-limitazzjonijiet minħabba l-iżolament**

Emenda

a) **81 %** fil-forma ta' għotjiet għal appoġġ programmabbli bilaterali għal żvilupp fuq żmien twil **tal-PTEE kollha**, b'mod partikolari għall-finanzjament tal-inizjattivi msemmija fid-dokument tal-ipprogrammar.

ġeografiku tal-PTEE kif imsemmija fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni.

Dan l-ammont għandu jkun allokat fuq il-bażi tal-ħtiġijiet u l-prestazzjoni tal-PTEE skont il-kriterji li ġejjin: id-daqs tal-popolazzjoni, il-livell tal-Prodott Domestiku Gross (PDG) ***permezz tal-parità tal-kapaċità tal-akkwist (PPA) jekk din tkun disponibbli***, il-livell ta' allokkazzjonijiet preċedenti u l-limitazzjonijiet minħabba l-iżolament ġeografiku tal-PTEE kif imsemmija fl-Artikolu 9 ta' din id-Deċiżjoni, ***il-livell baxx ta' żvilupp tal-PTEE msemmi fl-Artikolu 9a ġdid ta' din id-Deċiżjoni, id-daqs tat-territorji u l-kwistjonijiet klimatiċi u ambjentali.***

4 % għal Aruba

1,5 % għal Bonaire

5 % għal Curaçao

48 % għal Greenland

10,75 % għal New Caledonia

10,85 % għall-Polineżja Franċiża

1,2 % għal Saba

2 % għal Saint Barthélemy,

0,8 % għal Sint Eustatius

7,5 % għal Saint Pierre u Miquelon

2,5 % għal Sint Maarten

0,4 % għat-Territorji Franċiżi tan-Nofsinhar u tal-Antartika

5,5 % għat-Territorju tal-Gżejjer Wallis u Futuna

Emenda 99

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – sottopunt b

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

b) EUR 225 000 000 fil-forma ta' għotjiet għall-appoġġ programmabbli bilaterali għall-iżvilupp fit-tul ta'

imħassar

***Greenland partikolarment għall-
finanzjament tal-inizjattiva msemmija fid-
dokument tal-iprogrammar.***

Emenda 100

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – sottopunt c**

Test propost mill-Kummissjoni

c) **EUR 81 000 000** għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw programmi reġjonali tal-PTEE, li minnhom EUR **15 000 000** jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet intrareġjonali, Greenland hu biss eliġibbli għal operazzjonijiet intrareġjonali. Din il-kooperazzjoni se tiġi implimentata b'koordinazzjoni mal-Artikolu 7 ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari dwar l-oqsma ta' interessi reċiproċi msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni u permezz ta' konsultazzjoni permezz ta' każijiet tas-sħubija bejn l-UE u l-PTEE imsemmija fl-Artikolu 14. Din għandha tipprova tikseb koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Emenda

c) **12 %** għandhom jiġu allokati biex jappoġġaw programmi reġjonali tal-PTEE, li minnhom EUR **30 000 000** jistgħu jappoġġaw operazzjonijiet intrareġjonali, Greenland hu biss eliġibbli għal operazzjonijiet intrareġjonali. Din il-kooperazzjoni se tiġi implimentata b'koordinazzjoni mal-Artikolu 7 ta' din id-Deċiżjoni, b'mod partikolari dwar l-oqsma ta' interessi reċiproċi msemmija fl-Artikolu 5 ta' din id-Deċiżjoni u permezz ta' konsultazzjoni permezz ta' każijiet tas-sħubija bejn l-UE u l-PTEE imsemmija fl-Artikolu 14. Din għandha tipprova tikseb koordinazzjoni ma' strumenti finanzjarji rilevanti oħrajn tal-Unjoni, b'mod partikolari fir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija fl-Artikolu 349 tat-TFUE.

Emenda 101

**Proposta għal deċiżjoni
Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – sottopunt d**

Test propost mill-Kummissjoni

d) **EUR 22 000 000** għal studji jew miżuri ta' assistenza teknika għall-PTEE kollha inkluż Greenland, skont l-Artikolu 78 ta' din id-Deċiżjoni¹.

Emenda

d) **3,5 %** għal studji jew miżuri ta' assistenza teknika għall-PTEE kollha inkluż Greenland, skont l-Artikolu 78 ta' din id-Deċiżjoni.

¹ ***Minn dan l-ammont, EUR 9 725 000 huma riżervati għall-Kummissjoni biex tkopri assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa b'appoġġ għall-***

*implimentazzjoni ta' programmi u/jew
azzjonijiet tal-UE, ir-riċerka indiretta, ir-
riċerka diretta.*

Emenda 102

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt e – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

e) **EUR 13 000 000** għal fondi mhux
allokati għall-PTEE kollha inkluż
Greenland biex inter alia:

e) **3,5 %** għal fondi mhux allokati
għall-PTEE kollha inkluż Greenland biex
inter alia:

Emenda 103

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 1 – paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Il-Kummissjoni, wara rieżami, tista'
tiddeċiedi dwar l-allokazzjoni tal-fondi
mhux allokati msemmija f'dan l-Artikolu.

2. Il-Kummissjoni, wara rieżami **li
għandu jitwettaq qabel l-2025**, tista'
tiddeċiedi, **wara li tikkonsulta lill-Istati
Membri u lill-Parlament Ewropew**, dwar
l-allokazzjoni tal-fondi mhux allokati
msemmija f'dan l-Artikolu.

Emenda 104

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – parti introduttorja

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

Il-ksib tal-oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.5
tad-Deċiżjoni għandu jitkejjel permezz:

**F'konformità mal-għanijiet ta'żvilupp
sostenibbli, se titfassal lista ta' indikaturi
ta' prestazzjoni ewlenin skont il-
proċedura stabbilita fl-Artikolu 86 u użata
biex tgħin fl-evalwazzjoni ta' kemm l-
Unjoni tkun ikkontribwiet għall-ksib** tal-
oġġettivi stabbiliti fl-Artikolu 3.5 **ta' din id-
Deċiżjoni.**

Emenda 105

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

1. Għall-PTEE, minbarra Greenland, mill-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi bħala % tal-PDG u dħul totali tal-Gvern bħala % tal-PDG.

imħassar

Emenda 106

Proposta għal deċiżjoni

Anness I – Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 2

Test propost mill-Kummissjoni

Emenda

2. Għal Greenland, l-esportazzjonijiet ta' oġġetti u servizzi bħala % tal-PDG u l-perċentwal tas-settur tas-sajd fl-esportazzjonijiet totali.

imħassar